MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1245/1998/1

**Jonquil Tanti Hughes u Edward Tanti Hughes**

**v.**

**Chairman tal-Malta Union Club; Segretarju tal-Malta Union Club; u Vici-Chairman tal-Malta Union Club; David DeMaria; Mary Galea; Edward Xuereb u George Bonnici**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni presentata fid-9 ta’ Gunju, 1998 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-atturi ppremettew illi l-attrici Jonquil Tanti Hughes kienet eletta f’Marzu 1997 bhala Chairperson fil-Malta Union Club u peress illi fil-laqgha tat-22 ta’ Marzu, 1997 tal-Kumitat tal-istess Union Club il-konvenut George Bonnici li kien elett bhala vici-chairman ma accettax li jibqa’ f’din il-kariga peress illi skond huwa l-attrici sistiet (sic) kontra tieghu u ukoll peress li membru iehor tal-kumitat is-sur Cavallo ssottometta r-rizenja tieghu flimkien mal-konvenut George Bonnici minhabba dan il-ghan; illi fuq insistenza ta’ l-attrici l-istess konvenut George Bonnici irtira r-rizenja tieghu; illi fil-laqgha tal-kumitat tal-24 ta’ Marzu regghet inqalghet il-kwistjoni dwar jekk kienx hemm *in vigore* r-rizenja tac-Chairperson l-attrici u dana wara li hija kienet irrizenjat fit-22 ta’ Marzu 1997 u regghet hi stess irtirat l-istess rizenja taghha tant li kompliet tippresedi, liema insistenza kontra l-istess attrici kien kollu konness ma’ instigar kontinwu minn membri tal-kumitat u ohrajn fosthom certu Mary Galea li qalu diskors vulgari u dana minhabba l-fatt li l-attrici nhatret Chairperson u barra li hija “ingliza” hija wkoll “mara” u diskors iehor li sar fil-konfront taghha matul dawn il-laqghat imsemmija; illi mbaghad saret *kwerela* lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jittiehdu passi kontra l-konvenuti George Bonnici, David DeMaria u s-sijura Mary Galea fuq diskors abbusiv li sar fil-konfront ta’ l-attrici Jonquil Tanti Hughes liema akkuzi gew appuntati quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li wara diversi aggornamenti fuq insistenza tal-Magistrat presidenti l-partijiet qablu tramite l-avukati taghhom li jigu emendati l-minuti tal-laqghat tal-22 u 24 Marzu 1997 u dan ghas-sodisfazzjoni tal-partijiet biex b’hekk tigi rtirata l-*kwerela* u l-kawza mill-attrici, liema arrangamenti saru wara s-seduti tal-11 ta’ Gunju 1997 u l-16 ta’ Lulju 1997; illi fis-seduta tat-8 ta’ Ottubru 1997 l-avukat tal-konvenuti Dr. Philip Manduca kien informa l-Qorti li nstabet soluzzjoni sodisfacenti ghal partijiet liema dikjarazzjoni hija verbalizzata fl-atti tal-process, f’liema data l-atturi kienu imsiefrin barra minn Malta; illi l-konvenut DeMaria fid-29 ta’ Ottubru 1997 kiteb lill-attrici biex hi tirrizenja mill-Malta Union Club u dan kif qed jghid hu skond regola XIX (19) fejn qal “unless I receive your resignation in writing within one week from today, the

Committee will apply the rule in full (Rule 217)”; illi l-attur Edward Tanti Hughes gie sahansitra umiljat biex johrog mill-Malta Unon Club fuq ordni tal-konvenut segretarju Xuereb minghajr sahansitra ebda notifika bil-miktub; illi f’ittra ohra tal-hmistax ta’ Novembru 1997 l-istess Union Club kiteb lill-attur Edward Tanti Hughes illi “The Committee of Management are prepared to allow Mr. Tanti Hughes to continue as a member of the Club, however, he is not entitled to invite Mrs Tanti Hughes as his guest”; illi sahansitra f’ittra ohra tal-Union Club 30 ta’ Dicembru 1997 regghu interpretaw rule II para A tar-regoli u By-laws tal-Malta Union Club b’mod hazin fejn sahansitra iddikjaraw li ma humiex sejrin igeddu l-membership tal-attur Edward Tanti Hughes; illi matul ix-xahar ta’ Marzu 1998 l-partijiet ippruvaw soluzzjo[n]I amicevoli fic-cirkostanzi imma li fl-25 ta’ Marzu 1998 l-istess konvenuti insistew ghal apologija bil-miktub minghand l-atturi biex jergghu jikkonsidraw id-decizjonijiet taghhom precedenti u peress illi t-tkeccija tal-atturi mill-Malta Union Club mill-Management Committee hija wahda abbuziva kif ser jigi pruvat fil-mori ta’ din il-kawza; premess dan kollu l-atturi talbu li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara t-tkeccija tal-atturi bhala membri tal-Malta Union Club bhala wahda abbuziva, illegali u li saret *in mala fede*;
2. tordna li l-istess atturi jergghu ikomplu fid-tgawdija bhala membri fil-Malta Union Club u dana kif kienu qabel l-istess decizjoni tal-Committee of Management tal-Malta Union Club.

Bl-ispejjes u l-konvenuti jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fit-13 ta’ Novembru, 1998 il-konvenuti Chairman, Segretarju u Vici Chairman tal-Union Club eccepew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex il-kompetenza biex tezamina l-operat tal-“Committee of Management” tal-“Malta Union Club” in konnessjoni procedimenti mressqa mill-atturi;
2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost David De Maria, Mary Galea, Edward Xuereb u George Bonnici f’isimhom proprju ghandhom jigu liberati

mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex mhumiex il-legittimi kontradtturi;
3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost fil-premessi tac-citazzjoni ma hemm ebda indikazzjoni ghaliex t-tkeccija tal-atturi kienet allegatament abbuziva, illegali u li saret in mala fede;
4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost meta saru membri tal-club l-atturi accettaw (skond Rule XX tal-Rules and By Laws for the Government of the Malta Union Club) li huma marbutin bil-Rules and By Laws tal-Club u ghalhekk ghandhom jaccettaw id-decizjoni tal-Kumitat elett minnhom.
5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-allegazzjonijiet fic-citazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi billi mhux minnu li d-decizjoni tal-“Committee of Management” kien b’xi mod abbuziv, illegali jew in mala fede. Kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza Jonquil Tanti Hughes bdiet proceduri kriminali kontra c-Chairman, Vici Chairman u Segretarju tal-The Malta Union Club u membri ohra tal-Kumitat u agixxiet b’mod li l-Committee of Management ma kellhiex alternattiva hlief li jitolbu r-risenja taghha.
6. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, fic-cirkostanzi u skond ir-regoli tal-Club ma kienx hemm alternattiva ohra hlief li ma jgeddux il-membership ta’ Edward Tanti Hughes.

Illi l-konvenut David de Maria u l-konvenuti Mary Galea u George Bonnici intavolaw in-noti tal-eccezzjonijiet taghhom fil-15 ta’ Frar u fil-5 ta’ Marzu, 1999 rispettivament. Dawn in-noti tal-eccezzjonijiet ma jzidu xejn aktar ma dak li gie eccepit mic-Chairman, Segretarju u Vici Chairman tal-Malta Union Club, kif hawn fuq riportati, billi jirriproducu kelma b’kelma dak li intqal hemm hlief fir-rigward tas-(6) eccezzjoni fejn dawn il-konvenuti taw ir-raguni ghala l-attur Edward Tanti Hughes tkecca mill-Club u cioe` billi jinghad li dan l-attur kien “qal li se jibda kawza kontra l-Club”.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tas-16 ta’ Ottubru, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi iddikjarat t-tkeccija tal-atturi bhala membri tal-Malta Union Club bhala wahda abbuziva, illegali u li saret in *mala fede*; u konsegwentement ordnat li l-istess atturi jergghu jkomplu fid-tgawdija bhala membri fil-Malta Union Club. Inoltre dik il-Qorti rriteniet li ma tistax tordna li l-attrici tigi ripristinata fil-posizzjoni li kienet qabel bhala chairman stante l-elezzjonijiet sussewgenti li saru skond ir-regolamenti tal-club. Finalment illiberat lil David DeMaria, Mary Galea, Edward Xuereb u George Bonnici personalment mill-osservanza tal-gudizzju u kkundannat lill-konvenuti jhallsu l-ispejjes tal-kawza, u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

**“B’verbal a fol. 35 il-konvenuti irrinunzjaw ghall-eccezzjoni dwar l-inkompetenza ta’ dina l-Qorti li tissindika l-operat tal-Committee of Management tal-Malta Union Club.**

**“Basikament il-konvenuti qed jeccepixxu li l-attrici ma tat ebda ndikazzjoni ghaliex it-tkeccija ta’ l-atturi kienet allegatament abbuziva, illegali u li saret *in mala fede* u fit-tieni lok meta huma saru membri tal-club accettaw il-Rules and By-Laws tal-Club u ghalhekk ghandhom jaccettaw id-decizjoni tal-Kumitat elett minnhom.**

**“Illi l-partijiet mhux qed jaqblu dwar jekk l-attrici kienitx irrizenjat minn rajha jew inkellha kienitx giet sfurzata li tirrizenja mill-membri tal-kumitat.**

**“Skond il-konvenuti, l-attrici kienet irrizenjat fil-laqgha tat-22 ta’ Marzu, 1997. F’dak il-*meeting* kien hemm hafna ghajjat, u l-attrici rrizenjat u harget ‘il barra. Imbaghad regghet dahlet fil-kamra, ghamlet apologija u qalet li se tikkunsidra l-posizzjoni taghha fil-*weekend*. Pero` fil-*meeting* l-iehor tal-24 ta’ Marzu 1997 David De Maria, George Bonnici u s-sur Cefai insistew li l-attrici kienet irrizenjat. Dak in-nhar l-attrici kellha tirrizenja u qaltilhom li kienet ser tibaghat ir-rizenja taghha bil-miktub l-ghada. L-attrici wara hadet passi legali kontra taghhom u minhabba f’hekk**

**f'Ottubru, 1997 l-attrici giet mitluba tirrizenja minn membru tal-Club. Billi m'accettatx hi u r-ragel taghha gew imkeccija minn membri tal-Club.**

**"L-attrici ssostni li hi giet sfurzata tirrizenja. Meta giet eletta chairman, George Bonnici ma kienx accetta l-inkarigu ta' vici chairman tahtha billi hass li l-attrici kienet hadmet kontra tieghu. Kien inqala hafna nkwiet u ghajjat, l-attrici giet insoslentata u rrizenjat. Dwar dina l-okkazzjoni hija xehdet hekk: "*I was going also to tender my resignation as chairperson and also left the room, however, I never presented my resignation according to the rules.*"**

**"Imbaghad il-membri l-ohra regghu dahlu fil-kamra u hi ddecidiet li tkompli bil-laqgha. "*The meeting continued with me in the chair, so ipso facto, it was accepted that I was still the chairman by everyone*" (fol. 42). Bonnici accetta li joqghod vice chairman u kienu ftehemu li jiltaqghu fl-24 ta' Marzu, 1997. F'dik il-laqgha Mr. De Maria, u membri ohra, insistew li hi kienet irrizenjat u ma kienitx irtirat r-rizenja taghha. Dak il-hin giet attakkata verbalment b'mod personali u billi ma setghetx tkompli fil-kariga kellha tirrizenja imma kienet infurmathom li kienet ser tiehu passi legali kontrihom. Saret kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati u f'Ottubru, 1997 kienet giet mitluba biex tirrizenja altrimenti kienet ser tigi mkeccija. Billi ma rrizenjatx giet imkeccija flimkien ma zewgha.**

**Tikkunsidra**

**"L-attrici qed tissottometti li hija kienet giet imgieghla tirrizenja u mhux irrizenjat minn rajha. Hi ssostni li qatt ma rrizenjat formalment u lanqas baghtet ir-rizenja taghha bil-miktub. Anzi fil-*meeting* tat-22 ta' Marzu meta kienet qaltilhom li kienet ser tirrizenja, hi regghet dahhlet fil-kamra ghal laqgha u kompliet bhala Chairman u dan gie accettat mill-membri l-ohra tal-Club li attendew ghal laqgha. Il-konvenut George Bonnici kien accetta l-kariga ta' Vice Chairman maghha (ara minuti a fol. 68 a tergo) u anke Mr. Cefai**

**kompla jattendi l-laqgha u accetta c-chairmanship ta' l-attrici. Jekk l-attrici kienet irrizenjat dak in nhar u regghet irtirata, l-istess ghamlu Bonnici u Cefai. Ghalhekk dak li japplika ghal Bonnici u Cefai japplika ghall-attrici (ara minuti). F'dik il-laqgha saru l-minuti li gew iffirmati mic-Chairman cioe` l-attrici u s-segretarju E. Xuereb ara fol. 69).**

**"Jirrizulta mill-provi prodotti li kienet saret pressjoni qawwija fuq l-attrici biex dina tirrizenja u meta fil-fatt kellha tirrizenja dana ma ghamlitux volontarjament imma sforz ic-cirkostanzi li gew imposti ingustament fuqha mill-konvenuti. Ghalhekk il-konvenuti ma jistghux jippretendu li f'dawk ic-cirkostanzi l-attrici tigi mgieghlha taccetta il-Rules and By-Laws tal-Club u d-decizjoni tal-Kumitat li jirrizulta li kienet abbusiva. L-artikolu 974 tal-Kodici Civili jipprovdi li "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b'eghmil doluz, ma jkunx jiswa".**

**"Stante ghalhekk li t-tkeccija ta' l-attrici bhala membru tal-Malta Union Club qed tigi dikjarata bhala wahda abbuziva u llegali jsegwi li anke t-tkeccija ta' l-attur l-iehor kienet illegali billi t-tkeccija tieghu kienet marbuta mat-tkeccija ta' l-attrici."**

**L-appell tac-Chairman, Segretarju u Vici Chairman tal-Malta Union Club.**

Ic-Chairman, Segretarju u Vici Chairman tal-Malta Union Club hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors ppresentat fit-30 ta' Ottubru, 2002 interponew appell minna fejn talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, is-sentenza tigi kkonfermata fejn ddikjarat li l-Qorti ma tistax tordna li l-attrici tigi ripristinata fil-posizzjoni li kienet qabel bhala Chairman; u li tigi revokata fil-parti fejn iddikjarat li t-tkeccija tal-atturi bhala membri tal-Malta Union Club bhala wahda abbuziva, illegali u li saret in mala fede bl-ispejjes taz-zewg isatnzi kontra l-atturi.

L-atturi appellati pprezentaw risposta fejn issottomettew li ghar-ragunijiet minnhom hemm moghtija l-appell jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes kontra l-appellanti.

**L-aggravji ta' l-appellanti.**

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li l-appellanti resqu bazikament tlett aggravji kontra s-sentenza appellata:

a) Li meta l-ewwel Qorti esprimiet ruhha fuq ir-rizenja ta' l-attrici minn Chairperson tal-Committee of Management, kienet qed tmur oltre t-talba kontenuta fic-citazzjoni.
b) Illi ma hemm ebda prova li t-tkeccija tal-atturi minn membri tal-Malta Union Club kienet abbuziva, illegali u in *mala fede,* u li tali tkeccija saret ghal raguni valida skond l-istatut tal-Club.

c) Illi gialadarba l-konvenuti De Maria, Galea, Xuereb u Bonnici gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, l-ispejjes taghhom kellhom jigu akkollati lill-atturi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

**Dwar li skop tal-kawza.**

Fir-rikors ta' l-appell qed jigi sottomess li bic-citazzjoni odjerna l-atturi mhux qed jitolbu li l-attrici Jonquil Tanti Hughes terga' tigi riappuntata bhala Chairperson tal-Committee of Management tal-Malta Union Club, izda li t-talba hija indirizzata lejn "reinstatement" ta' l-atturi bhala membri tal-Malta Union Club. Konsegwentement qed jigi sottomess li l-ewwel qorti kellha tiehu biss in konsiderazzjoni r-ragunijiet tal-Management Committee ghall-imsemmija tkeccija sabiex jigi determinat jekk tali tkeccija kienet abbuziva, illegali u in mala fede u mhux kif effettivament sar fis-sentenza appellata.

Jidher li l-kontro-parti mhux qed tikkondividi din l-interpretazzjoni ta' l-iskop tal-kawza. Infatti fir-risposta tal-atturi qed jinghad li dan "*il-hsieb tal-konvenuti huwa*

*wiehed skorrett.*" In sostenn ta' dan intqal "*Illi fic-citazzjoni taghha l-attrici talbet fost affarijiet ohra illi "…. L-istess atturi ikomplu fid-tgawdija bhala membri fil-Malta Union Club u dana kif kienu qabel l-istess decizjoni tal-'Committee of Management' tal-Malta Union Club.", kwindi isegwi illi la darba l-attrici qed tikkontendi li hija kienet kostretta tirrizenja minn Chairperson b'mod abbuziv u sussewgentement kien hemm it-tkeccija taghha u ta' zewgha, hija kellha tigi re-instated bhala Chairperson, ghaliex qabel ma giet kommessa l-illegalita` tal-konvenuti, l-esponenti kienet izomm dan l-istat fl-istess club.*"

Jekk il-konvenuti appellanti ghandhom ragun f'dan l-aggravju, jkun ifisser li l-konsiderazzjonijiet kollha maghmula mill-ewwel Qorti sabiex waslet biex takkolji t-talbiet attrici jkunu irrilevanti, billi mill-korp tas-sentenza jidher li l-ewwel qorti ibbazat l-konkluzzjonijiet taghha fuq l-incidenti li sehhew fil-laqghat tal-Committee of Management tal-22 u 24 ta' Marzu, 1997. Infatti fil-parti konkluzziva tas-sentenza appellata jidher li dan l-aspett tal-kwistjoni gie konsiderat minn dik il-Qorti meta intqal fis-sentenza illi "*Il-Qorti ma tistax tordna li l-attrici tigi ripristinata fil-posizzjoni li kienet qabel bhala chairman stante l-elezzjonijiet sussegwenti li saru skond regolamenti tal-club.*" F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ghandha thares b'certa attenzjoni lejn il-mod kif giet redatta c-citazzjoni u senjatament it-talbiet attrici.

Jidher li fic-citazzjoni promotorja l-atturi riedu jigiebu a konjizzjoni tal-Qorti l-problemi kollha li nqalghu minn dak inhar li l-attrici Jonquil Tanti Hughes giet eletta bhala Chairperson tal-Committee of Management tal-Malta Union Club. Hemm infatti jissemmew l-incident li nqalghu fis-seduti tat-22 u tal-24 ta' Marzu 1997 waqt il-laqghat tal-Kumitat u senjatament wara l-elezzjoni tal-attrici fil-kapacita` ta' Chairperson, il-hatra tal-George Bonnici, bhala Vici-Chairman, ir-rizenja w is-sussegwenti accettazzjoni ta' l-istess George Bonnici f'din il-kariga; kif ukoll ir-rizenja tas-Sur Cavallo minn membru tal-Kumitat u l-mod, ftit li xejn civili, kif gew kondotti dawn il-laqghat. Dan kollu huwa rifless fil-minuti tal-imsemmija laqghat fejn, fost affarijiet ohra, huma elenkati ir-ragunijiet tad-

dibattitu aggwerrit tal-partecipanti u l-animu li kien jirrenja waqt l-imsemmija laqghat. Kif jirrizulta fl-istess minuti dan gara minhabba allegazzjonijiet ta' "lobbying" li allegatament kien sar mill-attrici Jonquil Tanti Hughes qabel l-elezzjoni li kellha tinzamm mill-Kumitat; kif ukoll minhabba allegazzjonijiet da parti taghha ta' agir inkorrett ta' xi membru tal-Kumitat fl-akkwist tal-airconditioning units, u dwar "non-disclosure" ta' interess personali ta' xi membru iehor fit-trattativi ma' sid il-kera. Jirrizulta li dawn l-allegazzjonijiet kienu wkoll maghmula minn Jonquil Tanti Hughes waqt il-"lobbying" li sar minnha. Kien ghalhekk li fil-laqgha tal-22 ta' Marzu 1997 l-attrici offriet ir-rizenja taghha mill-kariga ta' Chairperson u harget mill-kamra. F'dik l-okkazzjoni membri ohra tal-Kumitat rrizenjaw minn membri tal-Kumitat jew, fil-kaz ta' George Bonnici, mill-kariga ta' Vici-Chairman. Jirrizulta, pero`, li wara dan l-incident il-membri li kienu hargu mill-kamra (hlief ghas-Sur Cavallo) regghu dahlu, George Bonnici accetta l-kariga ta' Vici Chairman u l-meeting tkompla presedut mill-istess attrici.

Fis-seduta tal-24 ta' Marzu 1997, wara li gie kontestat u dibattut d-dritt ta' l-attrici li tokkupa s-sedja minhabba r-risenja taghha fil-laqgha precedenti fuq imsemmija, liema risenja, skond l-attrici, kienet giet irtirata, giet mressqa mozzjoni ta' "No confidence" minn tlett membri tal-Kumitat fil-konfront ta' l-attrici. Il-minuti tal-laqgha jelenkaw b'mod dettaljat ir-ragunijiet ghal tali mozzjoni. Mill-istess minuti jirrizulta li "*After a long discussion on the accustations being made, <u>Mrs Tanti Hughes resigned from the Committee</u> and said that she would send her written resignation to the Secretary next morning and left the room*." Dan il-fatt huwa wkoll rifless fil-lista tal-persuni presenti ghal-laqgha billi l-kelma "*Chairman*" li kienet inkitbet quddiem isem Mrs J. Tanti Hughes, giet kancellata u debitament inizjalata mis-segretarju tal-Kumitat.

Fic-citazzjoni mbaghad insibu deskrizzjoni tal-incident rigwardanti l-proceduri kriminali li ttiehdu mill-attrici fil-konfront ta' tlett membri tal-Kumitat in konnessjoni mal-incident li sehhew fil-laqghat imsemmija. Inoltre issir

riferenza ghal-korrispondenza mibghuta mill-Malta Union Club lill-attrici u zewgha dwar ir-risenja jew tkeccija ta' l-atturi mill-Club u dwar incident meta l-attur gie allegatament umiljat mis-Segretarju tal-Club. Wara dan kollu l-atturi ghamlu s-segwenti talbiet ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti, u cioe` li dik il-Qorti:-

1. Tiddikjara t-tkeccija tal-atturi bhala membri tal-Malta Union Club bhala wahda abbuziva, illegali u li saret *in mala fede.*

2. Tordna li l-istess atturi jergghu ikomplu fid-tgawdija bhala membri fil-Malta Union Club u dana kif kienu qabel l-istess decizjoni tal-Committee of Management tal-Malta Union Club. (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Mil fuq espost jidher li l-atturi dejjem hassew ruhom aggravati b'dak kollu li sehh f'din il-grajja u li donnu, f'mohhom, hemm rabta bejn l-incidenti li sehhew fil-laqghat fuq imsemmija u l-eventwali decizjoni tal-Kumitat tal-Malta Union Club li huma jigu estromessi bhala membri ta' l-istess club. B'dana kollu jidher li hemm distinzjoni netta bejn fatt u iehor billi filwaqt li l-posizzjoni ta' l-attrici qua Chairperson tal-Committee of Management giet determinata u finalizzata bir-rizenja taghha minn din il-posizzjoni minghajr ma ittiehdet ebda decizjoni finali mill-istess Kumitat, l-estromissjoni tal-konjugi Tanti Hughes minn membri tal-Club kienet rizultat ta' decizjoni mehuda mill-istess Kumitat. B'dana li filwaqt li fir-rigward tad-decizjoni mehuda mill-Club li jkeccu lill-konjugi Tanti Hughes setghet tigi ezaminata u, jekk hemm bzonn, kancellata mill-Qorti, fil-kaz ta' rizenja, din, essendo effett ta' decizjoni ta' l-istess Chairperson u cioe` l-persuna involuta, qatt ma setghet tigi mhassra mill-Qorti billi l-hatra ghall-tali kariga setghet biss tkun rizultat ta' elezzjoni tal-membri l-ohra tal-Kumitat. Jidher infatti li, fil-formulazzjoni tat-talbiet fic-citazzjoni, l-atturi kienu konxji ta' dan meta llimitaw it-talba taghhom ghar-"rienstatement" taghhom qua "membri tal-Malta Union Club." Ghalhekk is-sottomissjoni ta' l-atturi fir-risposta taghhom li l-kliem uzat fit-tieni talba u cioe` l-"atturi jergghu ikomplu fid-tgawdija bhala membri fil-Malta Union Club u dana kif kienu qabel

……" tista` biss tigi interpretata bhala riferenza ghall-"membership" tal-Club u mhux ghall-posizzjoni ta' l-attrici qua Chairperson hija korretta.  Minn dan jisegwi li gialadarba ma hemm ebda relazzjoni bejn ir-rizenja u t-tkeccija tal-atturi minn membri tal-Club kull riferenza li setghet saret ghall-incidenti li sehhew fis-seduti tat-22 u 24 ta' Marzu, 1997, biex tiggustifika t-talbiet attrici, hija zejda. Dan l-aggravju ghalhekk huwa gustifikat.

**Dwar in-nuqqas ta' provi in sostenn tat-talbiet attrici.**

Qed jigi sottomess mill-konvenuti appellanti li, fuq il-provi prodotti, l-ewwel Qorti ma setghet qatt tilqa' t-talbiet attrici billi ma hemmx prova li d-decizjoni tal-Management Committee kienet abbuziva, illegali u li saret in *mala fede.* In vista ta' dak li inghad hawn fuq dwar id-distinzjoni li trid tinzamm bejn ir-rizenja ta' l-attrici minn Chairperson tal-Kumitat u t-tkeccija ta' l-atturi minn membri tal-Malta Union Club, l-indagini li kellha taghmel l-ewwel Qorti, u li fil-fatt ser taghmel din il-Qorti, ghandha tkun indirizzata lejn jekk it-tkeccija ta' l-atturi minn membri tal-Malta Union Club, kienet b'xi mod abbuziva, illegali jew in mala fede b'mod li dawn jistghu jigu reintegrati fid-drittijiet taghhom ta' membri fl-imsemmi Club.

Mix-xiehda tas-Segretarju tal-Malta Union Club, u cioe` Edward Xuereb, moghtija permezz ta' affidavit a fol 57 tal-process jidher li "*fid-29 ta' Ottubru 1997 Tanti Hughes giet mitluba li tirrizenja* (u hawn qed jitkellem dwar l-attrici u r-rizenja taghha minn membru tal-Club) *u dan minhabba li* (recte: 'il-') *fatt li talbet li jittiehdu passi kriminali kontra c-Chairman, Vice Chairman u membri tal-Committee of Management*." Fir-rigward tat-tkeccija ta' l-attur fix-xiehda tieghu moghtija fl-udjenza tas-26 ta' Gunju 2000 l-istess attur qal hekk: "*Huwa* (cioe` Edward Xuereb bhala Segretarju tal-Club) *qalli li taht dawn ir-regoli* (cioe` Regoli tal-Club) *meta l-mara tigi mkeccija, r-ragel awtomatikament jigi mkecci*." Din ir-regola giet kkontestata mill-atturi li jsostnu li dan ir-rekwizit ghall-"*membership"* qatt ma gie accettat f'General Meeting tal-Club. Biss is-

Segretarju tal-Club f'dan r-rigward ighid hekk: "*Fl-ahhar paragrafu tal-affidavit taghha Tanti Hughes tghid li Rule 11 paragraph 8* (cioe` r-Regola dwar il-posizzjoni tal-konjugi meta jitkecca l-konjugi l-iehor) *kienet 'rejected by the AGM'. Illi dan mhux minnu. Illi meta gie mkecci l-attur dan kien skond ir-regoli tal-club "in vigore" f'dak il-mument. L-attur gie mkecci ghaliex f'1997 r-regola kienet: "No application from a prospective candidate will be accepted unless his/her spouse also joins; they must after election continue as members ….." Edward Tanti Hughes gie mkecci ukoll ghaliex kien qal li kien se jiehu passi legali fil-Qorti kontra l-Club.*"[1] Din il-verzjoni moghtija mis-Segretarju tal-Club ma gietx kontradetta u ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tigi accettata.

Issa fir-rigward tat-tkeccija ta' l-attrici Jonquil Tanti Hughes jirrizulta *ex admissis* u anke mill-atti ezebiti, li, fuq talba taghha, ittiehdu proceduri kriminali kontra xi membri tal-Kumitat tal-Malta Union Club. Dawn il-proceduri jidher li gew determinati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-8 ta' Ottubru, 1997 skond il-verbal ta' dik id-data[2]. Izda ghalkemm ma ingiebet ebda kopja tas-sentenza jirrizulta mill-provi li l-akkuzi maghmula kontra l-imharrkin waqghu.

Fir-rikors ta' l-appell qed jinghad li dawn il-proceduri kriminali kienu bazi "*sostanzjali u fattwali ghat-tkeccija*"[3] billi r-regoli tal-club jispecifikaw "*if the conduct of any Member either in or out of the Club is in the opinion of the Committee of Management, injurious to the character or interest of the Club, the Committee of Management may request such Member to resign. If the aforesaid Member does not comply with such request he/she may be expelled.*" Ma hemm ebda dubbju li l-ittehid ta' proceduri kriminali ad istanza ta' membru kontra membri gholja tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Club jista' ragjonevolment jitqies li jammonta ghal kondotta "*injurious to the character or interest of the Club*". Kieku dawn il-proceduri kellhom ezitu favorevoli ghall-atturi din il-Qorti kienet tkun propensa li

---

1 Ara affidavit ta' Edward Xuereb fol. 58.
2 Ara Verbal tat-8 ta' Ottubru, 1997 a fol. 52 tal-process.
3 Ara rikors ta'l-appell a pagina 100 – tieni paragrafu.

tasal biex tghid li l-ezercizzju tad-dritt tad-denunzja jew kwerela ma kellux jigi soggogat ghall-interessi tal-Club. Biss fil-kaz in ezami, kif rajna, ma kien hemm ebda ezitu favorevoli ghall-atturi u dawn kellhom jissokkombu ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magisrati.

Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li tali proceduri kienu raguni valida ghall-applikazzjoni tar-regola fuq imsemmija fil-konfront ta' l-attrici Jonquil Tanti Hughes u ma jidher li kien hemm xejn illegali, abbuziv jew in mala fede fid-decizjoni li ttiehdet mill-istess Kumitat.

Fir-rigward tal-attur Edward Tanti Hughes jidher li ghandha tapplika r-regola fuq citata cioe` Rule 11 para 8, billi la darba giet mkeccija l-attrici Jonquil Tanti Hughes, it-tkeccija tal-attur kienet wahda awtomatika. F'dan ir-rigward ukoll din il-Qorti ma tara xejn illegali, abbuziv u in mala fede. Dan l-aggravju ghalhekk huwa gustifikat.

**Dwar l-ispejjes.**

Qed jigi sottomess finalment li una volta "*David Demarija, Mary Galea, Edward Xuereb u George Bonnici gew imharrka inutilment u fil-fatt gew liberati personalment mill-osservanza tal-gudizzju … l-ispejjes taghhom kellhom ihallsuhom l-atturi u mhux l-appellanti.*" Dan l-aggravju izda mhux gustifikat billi fl-ewwel lok imkien ma jinghad fis-sentenza li l-ispejjes ta' dawn il-konvenuti ghandhom jithallsu mill-appellanti. Kull ma jinghad fis-sentenza huwa li l-"*Spejjez ghall-konvenuti.*" Issa dawn il-persuni li gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju kienu u ghadhom konvenuti ghalkemm gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Ghalhekk meta l-Ewwel Qorti esprimiet ruhha bil-mod kif inghad fuq dwar l-ispejjes ifisser li dawn il-konvenuti ghandhom ibatu sehem mill-ispejjes tal-kawza u mhux li dawn jithallsu mill-konvenuti appellanti.

Fit-tieni lok ma gie pprezentat ebda appell minn dawn il-konvenuti li gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju dwar il-kap ta' l-ispejjes u ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tikkunsidra tali talba. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tac-Chairman tal-Malta Union Club, tas-Segretarju tal-Malta Union Club u tal-Vici Chairman tal-Malta Union Club qed jigi milqugh u konsegwentement is-sentenza appellata tas-16 ta' Ottubru 2002 qed tigi riformata inkwantu qeghdin jintlaqghu l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuti appellanti u konsegwentement michuda t-talbiet attrici kif formulati fic-citazzjoni; is-sentenza pero` qed tigi konfermata inkwantu illiberat lill-konvenuti David de Marija, Mary Galea, Edward Xuereb u George Bonnici mill-osservanza tal-gudizzju b'dana li dawn il-konvenuti ghandhom ibatu sehemhom mill-ispejjes tal-kawza in prim istanza, billi tikkonferma s-sentenza fejn kkundannat lill-dawn il-konvenuti jhallsu dawn l-ispejjez, izda qed tirrevokaha inkwantu akkollat lill-konvenuti l-ohra appellanti ihallsu sehemhom mill-ispejjes, u minflok tordna li kemm l-ispejjes ta' din l-istanza kif ukoll dawk ta' l-ewwel istanza koncernanti l-konvenuti appellanti, jigu sopportati mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------